



2025/558

24.4.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 288/2024

tas-6 ta' Diċembru 2024

**li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE
[2025/558]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/1399 tal-10 ta' Novembru 2023 dwar il-kundizzjonijiet għall-klassifikazzjoni, mingħajr ittestjar, ta' pannelli u tlibbis tal-injam mastizz fir-rigward tar-reazzjoni tagħhom għan-nar u li temenda d-Deċiżjoni 2006/213/KE ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim taż-ŻEE.
- (2) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness II tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu XXI tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Dan li ġej jiżdied mal-punt 2f (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/213/KE):
"kif emendat bi:

— **32024 R 1399:** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/1399 tal-10 ta' Novembru 2023 (ĠU L, 2024/1399, 22.5.2024)."
2. Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 2f (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/213/KE):
'2fa. **32024 R 1399:** Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/1399 tal-10 ta' Novembru 2023 dwar il-kundizzjonijiet għall-klassifikazzjoni, mingħajr ittestjar, ta' pannelli u tlibbis tal-injam mastizz fir-rigward tar-reazzjoni tagħhom għan-nar u li temenda d-Deċiżjoni 2006/213/KE (ĠU L, 2024/1399, 22.5.2024).'

Artikolu 2

It-test tar-Regolament Delegat (UE) 2024/1399 bil-lingwa İzlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment dwar iż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-7 ta' Diċembru 2024, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (*).

⁽¹⁾ ĠU L, 2024/1399, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2024/1399/oj.

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Diċembru 2024.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Anders H. EIDE
